Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 25/2017

**Jan Sammut** **(appellat)**

**Vs**

**HSBC Bank (Malta) plc [C-3177]** **(appellanti)**

14 ta' Mejju, 2018.

1. Fit-30 ta' Novembru, 2016 l-attur ghamel talba bil-miktub fit-Tribunal Industrijali [kaz numru 3516/KBC] taht l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) kontra s-socjeta` konvenuta minhabba allegat agir diskriminatorju fil-konfront tieghu dwar ir-rimunerazzjoni li jithallas ghal xogholu, fit-termini tal-artikolu 26 u 27 tal-istess Att.

2. Il-konvenuta wiegbet permezz ta' dikjarazzjoni tal-kaz ipprezentata fit-2 ta' Frar 2017, fejn irrespingiet l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur u cahdet li sehh xi ksur fil-konfront tieghu tal-artikolu 26 u 27 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. B'digriet tal-24 ta' April 2017 wara zewg rikorsi pprezentati mis-socjeta` konvenuta fis-7 ta' April 2017 u 18 ta' April 2017 biex *inter alia* ix-xhieda mharrkin fuq talba tal-attur, Andrew Beane u Gareth Williams, jigu ezentati milli jixhdu f'dan il-kaz dwar ir-rwol u/jew l-paga taghhom, it-Tribunal ordna li l-imsemmija xiehda jiddeponu quddiemu u t-traskrizzjoni tax-xhieda taghhom kif ukoll kull dokument illi jirrispetta informazzjoni personali ghalihom tinzamm issigillata u accessibbli biss ghall-partijiet f'din it-tilwima.

4. Illi permezz ta' digriet tat-8 ta' Mejju 2017 moghti mit-Tribunal fuq zewg rikorsi ulterjuri tas-socjeta` konvenuta pprezentati fit-28 ta' April 2017 u 5 ta' Mejju 2017, kif ukoll wara r-risposta pprezentata mill-attur fit-3 ta' Mejju 2017, cahad it-talbiet u ordna l-prosegwiment tal-kaz bl-ingunzjonijiet tax-xhieda ndikati b'dan illi x-xhieda taghhom u kull dokument jinzamm sigillat.

5. B'rikors li pprezentat fis-16 ta' Mejju, 2017 il-konvenuta appellat mid-digriet tat-8 ta' Mejju 2017 u talbet:-

> "… … … *tvarja d-digriet tat-Tribunal Industrjali tat-8 ta' Mejju 2017 fejn it-Tribunal ordna il-prosegwiment tal-kaz bl-ingunzjonijiet indikati ta' Andrew Beane u Gareth Williams billi tordna li ma jixhdux dwar fatti li m'humiex relevanti ghal dan il-kaz, partikolarment informazzjoni personali relatata mas-salarju taghhom inkuz dwar partikolarment "current duties, responsibilities and earnings" taghhom u ma jigux prodotti dokument relatati mal-"personal job description" taghhom, l-FS3s, Payslips and relevant manuals or extracts from them."*

6. L-aggravji huma:-

   i. Ix-xiehda ingunti biex jixhdu m'humiex impjegati mas-socjeta` konvenuta ghall-finijiet tal-Artikolu 27 tal-Kap. 452, izda huma biss '*seconded*' maghha b'salarju iffissat minn socjeta` estera u ghalhekk ix-xhieda taghhom mhix relevanti ghall-kaz tal-attur;

   ii. Il-mizura ordnata mit-Tribunal fid-digriet tieghu m'hijiex sufficjenti biex tissalvagwardja l-konfidenzjalita`tal-informazzjoni mitluba, liema informazzjoni hija data personali protetta taht il-Kap. 440 kif ukoll, fost ohrajn, bhala dritt fondamentali taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

7. L-attur wiegeb ghal dan l-appell permezz ta' risposta tal-20 ta' Ottubru 2017 fejn talab li l-appell tas-socjeta` konvenuta tigi michuda ghaliex hija irritwali, vessatorja u bla bazi legali, ghar-ragunijiet segwenti:-

   i. Skont l-Artikolu 229(1)(k) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, appell minn digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba ghar-revoka jew emenda ta' digriet bhalma huwa

d-digriet tat-8 ta' Mejju 2017, jista' jsir biss wara l-ghoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza;

ii. L-Artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jipprovdi ghal appell fuq punt ta' ligi minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali, biss f'dawk ic-cirkostanzi kontemplati mil-ligi;

iii. Is-socjeta` appellant intavolat dan l-appell qabel talbet u kisbet l-awtorizzazzjoni tat-Tribunal, liema awtorizzazzjoni baqghet ma nghatatx ghaliex permezz ta' digriet moghti fit-23 ta' Mejju 2017 l-istess Tribunal cahad it-talba biex id-digriet tieghu tat-8 ta' Mejju 2017 jinqara waqt l-udjenza li jmiss fil-kaz.

8. Il-Qorti tosserva li fir-risposta tal-appell tieghu l-attur ma wegibx dwar il-mertu tal-appell izda llimita ruhu ghall-aspett procedurali.

9. L-eccezzjoni hi bazata fuq tlett argumenti:

i. Nullita` in kwantu l-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm jaghti dritt ta' appell fuq punti ta' ligi, l-appell jista' jsir biss f'dawk ic-cirkostanzi kontemplati fil-ligi.

ii. L-impediment kontemplat fl-Artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 li jipprojibixxi appell minn digriet "*dwar jekk tintlaqax jew le talba ghar-revoka jew emenda ta' digriet*" hlief wara l-ghoti tas-sentenza finali u flimkien ma appell minn dik is-sentenza.

iii. Nuqqas ta' awtorizzazzjoni biex isir l-appell.

10. Il-qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u rat l-atti. Waqt it-trattazzjoni d-difensuri tal-appellanti ghamlu riferenza ghall-artikoli 78(5), 79(2), 80(1), (3) u (4), 82(1), (2) u (4) u 83(1) tal-Kap. 452 fl-argument li hemm dritt tal-appell mid-digriet tat-8 ta' Mejju, 2017.

**<u>Fatti.</u>**

11. Qabel xejn ikun floku li l-qorti ssemmi l-fatti li eventwalment wasslu għal dan l-appell:-

i. Fis-**7 ta' April 2017** is-socjeta` konvenuta pprezentat rikors biex ix-xiehda Gareth Williams u Andrew Beane jigu ezentati milli jixhdu f'dan il-kaz ghar-ragunijiet imfissrin fl-istess rikors.

ii. Wara li gie pprezentat ir-risposta tal-attur ghal dan ir-rikors, is-socjeta` konvenuta ipprezentat rikors ulterjuri fit-**18 ta' April 2018** sabiex it-Tribunal jisma' lill-partijiet jittrattaw il-kwistjoni qabel jghaddi ghad-digriet dwar ir-rikors tas-7 ta' April 2017.

iii. L-attur wiegeb ghal dan ir-rikors fid-19 ta' April 2017.

iv. Permezz ta' **digriet moghti fl-24 ta' April 2017**, it-Tribunal wara li ra r-rikorsi tas-socjeta` konvenuta u r-risposti tal-attur, u wara li kkunsidra illi x-xiehda s-Sur Gareth Williams u s-Sur Andrew C. Beane mhumiex partijiet fil-kaz u qed jintalbu jixhdu dwar informazzjoni li hi personali ghalihom:-

> *"Jiddeciedi billi jordna illi s-Sur Gareth Williams u s-Sur Andrew C. Beane jaghtu x-xhieda taghhom quddiem it-Tribunal, b'dan illi t-traskrizzjoni tax-xhieda taghhom kif ukoll kull dokument illi jirrispetta informazzjoni personali ghalihom tinzamm issigillata u accessibbli biss ghall-partijiet f'din it-tilwima."*

v. Wara d-digriet tal-24 ta' April 2017, fit-28 ta' April 2017 il-konvenuta ipprezentat iehor fejn qalet li, "*l-procedura u t-talba kontenuta f'dan ir-rikors huma kontemplati fl-artikolu 229(4)*[1] *tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)*". Permezz ta' dan ir-rikors hija talbet lit-Tribunal "*tirrikunsidra mill-gdid id-digriet tieghu tal-24 ta' April 2017 u timmodifikah fis-sens li jiddikjara li l-provi dwar ix-xoghol u l-paga tal-imsemmija xiehda m'humiex relevanti ghal dan il-kaz*".

vi. Fit-3 ta' Mejju 2017, l-attur wiegeb ghar-rikors tat-28 ta' April 2017 u filwaqt li talab li r-rikors ikun michud, talab ukoll il-varjazzjoni tad-digriet tal-24 ta' April 2017 billi t-traskrizzjonijiet u d-dokumenti pprezentati mill-imsemmija xiehda jkunu disponibbli ghall-pubbliku.

---

[1] Sottolinejar tal-Qorti.

vii. Is-socjeta` konvenuta regghet ipprezentat rikors iehor fil-5 ta' Mejju 2017 b'talba biex jithassru l-ordnijiet mahruga fl-24 ta' April 2017 ghall-ingunzjoni tax-xiehda Williams u Beane.

viii. L-attur wiegeb ghal dan ir-rikors b'risposta tat-8 ta' Mejju 2017.

ix. Permezz ta' digriet iehor moghti fit-**8 ta' Mejju 2017** moghti fuq ir-rikorsi tas-socjeta` konvenuta tat-28 ta' April 2017 u tal-5 ta' Mejju 2017, u fuq ir-risposta tal-attur tat-3 ta' Mejju 2017, **it-Tribunal cahad it-talbiet kollha u ordna l-prosegwiment tal-kaz bl-ingunzjonijiet tax-xhieda indikati, kif ukoll irribadixxa l-ordni tieghu ghas-sigillar tax-xhieda u dokumenti prodotti**.

x. Fis-**16 ta' Mejju 2017**, is-socjeta` konvenuta pprezentat l-appell taghha quddiem din il-Qorti, liema appell sar mid-digriet tat-Tribunal tat-8 ta' Mejju 2017.

xi. Permezz ta' rikors ipprezentat mis-socjeta` konvenuta fis-**17 ta' Mejju 2017**, hija talbet li d-digriet tat-8 ta' Mejju 2017 jinqara waqt is-seduta li jmiss fil-kaz, <u>sabiex hija tkun tista' titlob l-awtorizzazzjoni tat-Tribunal ghall-appell mill-istess digriet ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12</u>.

xii. L-attur wiegeb ghal dan ir-rikors b'risposta tat-22 ta' Mejju 2017.

xiii. It-Tribunal permezz ta' **digriet moghti fit-23 ta' Mejju 2017**, cahad it-talba u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

*"Ikkunsidra illi ghalkemm it-Tribunal huwa regolat b'dispozizzjonijiet ta' ligi specjali, huwa pacifiku li l-ligi procedurali in generali lanqas ma tista' tigi injorata, ammenokke d-dispozizzjonijiet tal-ligi specjali ma humex talment cari illi t-Tribunal ikun zbaljat jekk jaghzel li ma japplikahomx. Ghalkemm it-Tribunal Industrijali ma jitqiesx bhala Qorti ordinarja, huwa jezercita funzjonijiet gudizzjarji, tant li hu b'ligi rivestiti bil-poteri li ghandha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Art. 77(1), Kap. 452). Huwa ghalhekk korollarju u logiku li huma applikabbli ghall-proceduri tat-Tribunal id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Procedura Civili meta ma jkun hemm xejn in kuntrarju fil-ligi specjali tat-Tribunal, jew meta ma jkunux manifestament inapplikabbli, jew xort'ohra inkompatibbli mal-funzjonijiet specjali tat-Tribunal.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal:*

*Ra l-Art. 229 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Peress li t-talba tikkoncerna digriet kamerali ta' dan it-Tribunal li semmai huwa appellabbli biss wara l-ghoti ta' decizjoni definittiva ta' dan it-Tribunal, u flimkien ma' appell minn dik id-decizjoni, u tali digriet ma jistax jigi kkontestat qabel ma tinghata decizjoni definittiva.*

*U peress li fi kwalunkwe kaz, l-art. 229(10) jipprovdi b'mod espress dwar it-talba tar-rikorrent u li ma jehtiegx ghalhekk li t-Tribunal jaghmel aktar minn dak li diga` ghamel, cioe` li jaghti l-imsemmi digriet kamerali*".

12. Jirrizulta mill-premess illi l-appellanti appellat mid-digriet tat-Tribunal li nghata *in camera* fit-**8 ta' Mejju 2017**.

**L-ewwel eccezzjoni ta' nullita' tal-appell.**

13. Mhemmx dubju li l-appell prezentat fis-16 ta' Mejju, 2017 sar skont l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452. Fil-fatt fir-rikors li l-bank ipprezenta fis-17 ta' Mejju, 2017 quddiem it-Tribunal[2], iddikjara li dik id-disposizzjoni taghti dritt ta' appell fi zmien tnax-il jum mid-data tad-decizjoni u kkonferma li kien ipprezenta rikors tal-appell skont l-imsemmija disposizzjoni (ara paragrafu 7 tar-rikors tas-17 ta' Mejju, 2017).

14. L-Artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jipprovdi:-

"*(3) Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u* ***fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi****. Dan l-appell għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell kkostitwita skont l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal: … … …*"

15. Fis-subincizi (1) u (2) tal-istess disposizzjoni issir riferenza ghal sentenza jew decizjoni li "*torbot lill-partijiet kollha … u għandha tkun torbot lil kull suċċessur ta' xi waħda mill-partijiet fit-tilwima ta' xogħol…*", u li "***tista' tingħata b'effett retroattiv għal data antecedenti ghas-sentenza jew decizjoni…. (b) f'kull kaz iehor mhux qabel id-data li fiha jkun attwalment sar il-ksur jew, jekk dik id-data ma tistax tkun specifikata, mhux qabel id-data li fiha t-tilwima ta' xoghol li ghaliha tapplika s-sentenza jew id-decizjoni tkun inqalghet ghall-ewwel darba***", filwaqt li s-subinciz (4) jipprovdi li:-

"***L-esekuzzjoni tas-sentenzi u deċiżjonijiet tat-Tribunal issir bil-mod preskritt b'dan l-Att u bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u tkun fis-setgħa fit-Tribunal innifsu***".

[2] Ara fol. 163.

16. Sahansitra l-artikolu 82(1) tal-Kap. 452 jipprovdi:

> *"Iżda ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' tfittex li tieħu azzjoni unilaterali għar-reviżjoni ta' xi sentenza jew deċiżjoni tat-Tribunal* ***qabel ma tgħaddi għall-anqas sena*** *mid-data ta' dik is-sentenza jew deċiżjoni".*

17. Imbaghad l-artikolu 80(1) tal-istess ligi jipprovdi:

> *"Fl-ghoti ta' kull sentenza, decizjoni jew parir, it-Tribunal jista' jqis il-politika socjali u ekonomika u l-principji tal-gustizzja socjali li jkunu jipprevalu fiz-zmien tal-pronunzjament tieghu* ***jekk huwa jqis illi dawn ikunu rilevanti <u>ghad-determinazzjoni tal-kaz li jkollu quddiemu</u>****".*

18. Meta tqies dawn id-disposizzjonijiet il-qorti m'ghandhiex dubju li l-jedd ta' appell hu moghti fir-rigward ta' decizjoni jew sentenza li biha jkun gie determinat l-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali. Hu minnu li l-ligi ssemmi sentenza jew decizjoni, pero' hu evidenti li f'kull kaz il-ligi qeghda tikkontempla li l-kaz ikun gie deciz. Id-digriet tat-8 ta' Mejju 2017 ma jikkwalifika bhala decizjoni li jikkontempla l-Kap. 452. B'dak id-digriet ma giex determinat il-kaz. Kien digriet li jikkoncerna smiegh ta' xhieda li l-attur irid iharrek u li l-intimat qieghed joggezzjona ghalihom ghaliex isostni li mhumiex rilevanti u f'kull kaz l-informazzjoni li ser tintalab tmur kontra d-dritt ghall-privatezza taghhom.

19. Maghmula dawn il-konsiderazzjoni, il-bank ma kellux jedd ta' appell mid-digriet a bazi tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452.

## <u>It-Tieni Eccezzjoni dwar in-nullita` tal-appell.</u>

20. L-attur isostni li jekk l-appell hu bażat fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12, id-digriet tat-8 ta' Mejju 2017 oġġett tal-appell m'huwiex wiehed li minnu jista' jsir appell hlief wara l-ghoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza. Rajna kif l-appell li ppropona l-bank hu bazat fuq l-artikolu 82(3) tal-Kap. 12.

21. F'kull kaz, f'digriet li ta fit-23 ta' Mejju, 2017 it-Tribunal qal li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 japplikaw għall-proċeduri quddiemu. Dan b'riferenza għar-rikors tal-appellanti li bih talab li d-digriet tat-8 ta' Mejju, 2017 jinqara bil-miftuħ *ai termini* tal-artikolu 229(3) tal-Kap. 12. F'dan ir-rigward it-Tribunal għamel riferenza għall-artikolu 77(1) tal-Kap. 452 bhala raguni li ta ghalfejn l-artikolu 229 japplika ghall-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

22. Jekk għall-grazzja tal-argument wieħed kellu japplika l-artikolu 229 tal-Kap. 12, il-qorti ma taqbel xejn mar-raġunament tat-Tribunal li d-digriet tat-8 ta' Mejju, 2017, *"… tikkonċerna digriet kamerali ta' dan it-Tribunal li semmai huwa appellabbli biss wara l-għoti ta deċiżjoni definittiva ta' dan it-Tribunal, u flimkien ma' appell minn dik id-deċiżjoni, u tali digriet ma jistax jiġi kkontestat qabel ma tingħata deċiżjoni definittiva"*.[3]

23. Il-fatt li d-digriet ikun inghata *in camera* ma jfissirx li ma jistax jigi appellat qabel is-sentenza. Dak li ma jistax jigi appellat qabel is-sentenza definittiva huma d-digrieti li jissemmew f'paragrafi (a) sa (l), fosthom l-ordnijiet li jingħataw *in camera* **skont l-artikolu 173 tal-Kap. 12**. Id-digriet tat-8 ta' Mejju, 2017 mhuwiex ordni li nghata taht l-artikolu 173 tal-Kap. 12. 'Il fatt wahdu li digriet ikun inghata *in camera*, ma jfissirx b'daqshekk li hu digriet skont l-artikolu 173 tal-Kap. 12. Ir-regola generali hi l-ordnijiet li jinghataw mill-qorti skont l-artikolu 173(1) tal-Kap. 12 huma ordnijiet li l-qorti taghti minn jeddha u mhux fuq talba ta' xi parti. Is-subinciz (2) jikkontempla l-ghoti ta' ordni fuq talba ta' parti, imma dak jirrigwarda smiegh ta' xhud quddiem assistent gudizzjarju. Fil-kaz in ezami d-digriet tat-8 ta' Mejju, 2017 inghata fuq rikors li bih l-appellanti talbet li, *"l-ordniijet lil Andrew C Beane u Gareth Williams biex jixhdu waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju, 2017 jigu revokati, jew fin-nuqqas, jigu sospizi sakemm jigi deciz jekk il-provi dwar ix-xoghol u l-paga taghhom humiex rilevanti ghal kaz in ezami"*.

24. Madankollu u f'kull każ, ladarba t-talba tal-appellanti kienet sabiex it-Tribunal ihassar id-digriet tal-24 ta' April, 2017 u t-Tribunal Industrijali cahad it-talba bid-digriet tat-8 ta' Mejju 2017, mhemmx jedd ta' appell minn dak id-digriet qabel tinghata s-sentenza definittiva (ara paragrafu (k) tal-artikolu 229(1) tal-Kap. 12).

25. In vista ta' dak li nghad hawn fuq il-qorti ser tieqaf hawn.

**Għal dawn il-motivi tiddikjara l-appell null bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

**Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat kopja ta' din is-sentenza lit-Tribunal Industrijali sabiex titpogga fil-process relattiv.**

Anthony Ellul.

---

[3] Digriet tat-23 ta' Mejju, 2017.